# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 36/2026**

Data: It-Tlieta 24 ta' Marzu 2026

Ħin: 17:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Cascun Portelli | Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni (17:09 hrs) | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Sur Adrian Tanti (17:28 hrs) | Kunsillier |
| Skużat/i: | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Assenti: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sa Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |
| | Sa Ann Marie Gatt | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

36.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

36.2 MINUTI

36.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

# KUNSILL LOKALI FGURA

36.4 KORRISPONDENZA

36.5 PLANNING AUTHORITY

36.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

36.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

36.8 MISTOQSIJIET

36.9 MOZZJONIJIET

36.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

36.11 FINANZI

36.12 TRAFFIC MANAGEMENT

36.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

36.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

36.15 STAFF

36.16 PURCHASE REQUEST FORM

36.17 ĦLASIJIET

36.18 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:00 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 36.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**36.1.1** Kien hemm talba waħda ta' apoloġija mingħand il-Kuns R Ellul. Il-Kunsill approva din it-talba.

## 36.2 MINUTI

**36.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7388/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa 35/2026 bid-data 25 ta' Frar 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 36.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**36.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 36.4 KORRISPONDENZA

**36.4.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 36.5 PLANNING AUTHORITY

**36.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li kellmitu residenta li toqgħod fi Triq l-Isponsun minħabba permess tal-Planning Authority ta' tmienja u sebgħin appartament, biex jekk il-membri tal-Kunsill ma jsibu l-ebda problema, il-Kunsill joġġezzjona għalih. Wara diskussjoni, is-Sindku qal li għandha titressaq mozzjoni biex il-Kunsill joġġezzjona għal dan il-permess, però f'każ li l-pjanti li hemm sottomessi l-Planning Authority huma l-istess pjanti li kien qabel magħhom il-Kunsill, il-mozzjoni għandha tiġi rtirata.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7389/26/9** 'Dan il-Kunsill għandu joġġezzjona għall-permess PA/00650/24, dan għaliex ser joħloq impatt fuq il-popolazzjoni tal-lokal. Dan il-Kunsill jirtira din il-mozzjoni jekk jirriżulta li l-pjanti kienu sottomessi kif maqbul mal-Kunsill Lokali.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 36.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**36.6.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7390/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għal Skema SPI/SCI/06/2026 Finanzjament Karnival 2027.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**36.6.2** Is-Sindku nforma l-kamra li skema SPI/SCI/05/2026 ser tkun qed tiffinanzja sa massimu ta' €100,000, u l-Kunsill ser japplika sabiex jinbidel il-bandli u jsir wieħed minn materjal 'eco-friendly' li ma jkollux bżonn manutenzjoni.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7391/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għal Skema SPI/SCI/05/2026 Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalità.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**36.6.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7392/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għal Skema SPI/SCI/03/2026 Finanzjament - Milied 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**36.6.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7393/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għal Skema SPI/SCI/02/2026 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aftar nodfa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 36.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**36.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill applika għall-iskema tal-LESA, Proġetti fil-Komunitajiet 2024-2026, fejn ġiet aċċettata l-applikazzjoni biex jitranġaw il-'basketball court' kif ukoll il-'clubhouse' li jinsabu f'Pjazza Patri

Redent Gauci. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jibda jitkellem mal-Perit u japplika mal-Planning Authority biex jinbeda l-proċess.

**36.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li rċieva ittra ta' riżenja mingħand il-Kuns C Bonello mill-bord tat-tenders, fejn qal li qed jilqa r-riżenja tiegħu. Is-Sindku qara l-ittra annessa bħala 'Dok A'. Is-Sindku qal li għalissa, il-Kuns C Bonello jrid jibqa fil-bord minħabba li hemm is-sentenza tat-tender tal-knis li għad trid tingħalaq. Is-Sindku qassam dokument bil-lista aġġornata bl-ismijiet tal-persuni fil-bord tat-tenders, lill-membri tal-Kunsill.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7394/26/9** 'Dan il-Kunsill qed jilqa r-riżenja tal-Kuns Charles Bonello mit-Tender Adjudication Board u fil-post vakanti tiegħu ser jinħatar is-Sur Romario Brignone.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**36.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva d-data ta' meta ser isir l-'iscanning' tax-xelter li jinsab fi Triq l-14 ta' Diċembru 1945, mis- Superintendanza tal-Wirt Kulturali. Is-Sindku qal li dan ser isir is-Sibt 11 ta' April 2026 fid-9:00am.

**36.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill kien applika biex isir ġnien fi Triq is-Sur, fejn wasal fl-aħħar fażi biex jibdew ix-xogħolijiet. Is-Sindku qal li l-Kunsill bagħat ittra lir-residenti li joqgħodu fil-binjiet mal-appoġġ tal-ġnien, sabiex issir spezzjoni mill-Perit biex tivverifika li ma hemmx konsenturi u ħsarat, biex wara ma jkunx hemm problemi. Is-Sindku qal li dawn kienu l-aħħar fondi li ngħataw mill-mibki Silvio Parnis, u għaldaqstant tkellem mal-Kuns C Bonello peress li huwa responsabbli mill-postijiet pubbliċi, fejn wera x-xewqa li dan il-ġnien jiġi msemmi għal Silvio Parnis u jsir bust tiegħu mill-istess allokazzjoni li l-Kunsill għandu biex isir il-ġnien.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7395/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova lil Indri Attard bħala l-artist li ser ikun qed joħloq il-bust tal-mibki Silvio Parnis u jiġi nstallat fil-Pocket garden. Dan għal mhux aktar minn €3000 hekk kif inhu anness. Din l-ispiża ser tiġi assorbita mill-fondi allokati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. SPI/SCI/3/2020'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**36.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li rċieva korrispondenza b'talba biex tintuża s-sala tal-Kunsill bla ħlas fis-6 ta' Settembru 2026, għal avveniment biex jingabru fondi għall-karità. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok B'. Il-Kunsill approva.

**36.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza mill-Pastoral Formation Institute, biex isir taħriġ ta' litteriżmu fuq intelliġenza artifiċjali bla ħlas fil-Kunsill Lokali. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok Ċ'. Is-Sindku qal li jekk il-membri tal-Kunsill ma jsibux oġġezzjoni, jiltaqa' magħhom u jiġu identifikati dati għal dan it-taħriġ. Il-Kunsill approva.

**36.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward tal-persuna li kienet tkellmet miegħu rigward l-użu tal-basketball għall-futsal li kien semma fl-aħħar laqgħa, din l-istess persuna qed toffri li ġġib sponsor b'xejn u ġġib il-lasti tal-futsal biex tkun tista tintuża l-'basketball court'. Is-Sindku qal li għad irid jiġu deċiżi l-ħinijiet tal-'basketball' u tal-futsal mill-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li din il-persuna qaltlu li l-lasti jistgħu jitwaħħlu taħt dawk tal-'basketball' jew fil-ġnub, biex permezz t'hekk il-'basketball court' tkun tista' tintuża kemm għall-'basketball' u anke għall-futsal, fejn għaldaqstant ikun 'multi-purpose ground'. Is-Sindku kompla jgħid ukoll li meta ma jkunux qed jintużaw, dawn il-lasti mhux ser jitħallew hemm. Il-Kunsill approva.

**36.7.8** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill ġie avviċinat flimkien ma' tlett Kunsilli Lokali oħra ta' Santa Luċija, Ħad-Dingli u Swieqi sabiex isir proġett pilota fuq AI bħal 'sensor parkings' u affarijiet simili li jħallu impatt fuq is-soċjetà, fejn il-Kunsill ikun jista jassisti aħjar lir-residenti permezz tal-intelliġenza artifiċjali. Is-Sindku qal li s'issa għadha ma ġietx stabbilita data għal laqgħa biex jiġi deċiż fuq x'hiex ser isir dan il-proġett. Is-Sindku qal lill-Kuns I Catania De Giovanni li meta jkollu d-data għall-laqgħa, ser jinfurmah sabiex jiltaqgħu magħhom.

**36.7.9** Is-Sindku nforma l-kamra li bħala parti mill-Proġett Interġenerazzjonali NEXUS tar-Reġjun Kulturali 2026, ir-Reġjun Port qed jorganizza workshop tal-arti tradizzjonali tal-kaligrafija ta' għaxar ġimgħat bla ħlas fil-Kunsill. Is-Sindku qal li huma qed joffru li jsir dan il-workshop kull nhar ta' Tnejn, mill-20 ta' April 2026 sat-22 ta' Ġunju 2026 mid-9:30am sal-11:30am, u jixtiequ li jsir fil-klassi. Il-Kuns R Deguara qal li ltaqa magħhom peress li dan il-workshop qed isir għall-Active Ageing, fejn xtaqu li jkun anke għal persuni taħt is-sittin sena. Il-Kuns R Deguara qal ukoll li dan ma kienx possibbli peress li l-Active Ageing huwa għall-persuni minn sittin sena 'il fuq, u għaldaqstant ħarġu b'din l-idea li jsir workshop apparti fid-dati u l-ħinijet imsemmija, għal persuni minn 12-il sena 'il fuq. Il-Kunsill approva.

**36.7.10** Is-Sindku nforma l-kamra li ġie kkuntattjat minn Perit ta' sid il-post ta' Triq ir-Riħan kantuniera ma' Triq Ħaż-Żabbar, fejn kien hemm xi kwistjoni l-Qorti u rebaħ il-post lura. Is-Sindku qal li huwa jrid jirranġa xi bini żdingat u l-bankina fejn meta bnew kienet irtirata 'il ġewwa, jingħalaq skont il-pjanta u jiġi 'in line'

mal-bini l-ieħor. Is-Sindku żied jgħid li biex jagħmel dan, għandu bżonn jaqla l-bankina, u għaldaqstant qallu biex jibgħatlu bil-miktub li meta jitranġa kollox, jerġa jagħmel il-bankina mill-ġdid. Is-Sindku qara korrispondenza annessa bħala 'Dok D'. Il-Kunsill approva.

**36.7.11** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill applika għal Minn Pjazza għal Pjazza. Is-Sindku qal li tkellem mad-direttur artistiku tar-Reġjun Port, is-Sur Joseph Galea fejn tah xi ideat fuq x'hiex il-Kunsill jista japplika. Is-Sindku qal ukoll li biex l-attività ma taħbatx ma' festi, ġiet proposta li ssir f'Novembru però tista wkoll ssir f'xi xahar ieħor. Huwa kompla jgħid li l-ewwel data li ġiet proposta hija l-15 ta' Novembru 2026 u t-tieni d-data hija it-22 ta' Novembru 2026, kif ukoll li bħala ħin tal-attività ġie propost li jkun filgħodu però jista wkoll jinbidel. Is-Sindku żied li bħala attività ġiet proposta li tinvolvi l-kultura u t-tradizzjoni folkloristika bħal nisa libsin l-għonnella, nies jaħdmu l-bixkilli tal-qasab, nies idoqqu u oħrajn jgħannu.

**36.7.12** Is-Sindku nforma l-kamra li r-Reġjun Port approva l-fondi biex isir salib tal-Ġimgħa Mqaddsa u jitqiegħed fir-roundabout ta' Triq Hompesch, u li l-Kunsill għamel plakka biex jinkixef is-salib u tiġi nawgurata mill-President tar-Reġjun. Is-Sindku qal li l-invoice tal-plakka ser tintbagħat lir-Reġjun.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7396/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-invoice annessa biex tinxtara plakka tal-istainless steel bl-engraving għal mas-salib fir-roundabout ta' Triq Hompesch għas-somma ta' €193.52.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'6 voti favur u astenzjoni waħda.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns I Catania De Givoanni, Kuns J Scicluna, Kuns A Tanti

Astenzjoni – Kuns C Bonello

**36.7.13** Is-Sindku nforma l-kamra li rċieva 'email' mingħand il-Kuns C Bonello, il-Kuns M Lombardo u l-Kuns J Scicluna, biex isiru xi emendi fir-Rapport Amministrattiv. Is-Sindku qara l-'email' mingħand il-Kuns J Scicluna annessa bħala 'Dok E' u qara l-'email' mingħand il-Kuns M Lombardo annessa bħala 'Dok F'. Is-Sindku qal li l-Kuns C Bonello fl-'email' tiegħu qal li l-emendi għandhom isiru waqt diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kuns C Bonello qal li laqgħat tal-Kunsill fis-sena 2025 saru dsatax u mhux tnejn u għoxrin, hekk kif inhu imniżżel fir-rapport. Il-Kuns M Lombardo qal li jistajkun li t-tlett laqgħat annwali ġew imniżżla mal-laqgħat tal-Kunsill, u għalhekk ammontaw għal tnejn u għoxrin. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tikkonferma rigward dan. Wara diskussjoni, is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekkja kemm saru laqgħat tal-Kunsill,

jiġi emendat ir-Rapport Amministrattiv u jerġa jintbagħat lill-membri tal-Kunsill sabiex jibgħatu l-approvazzjoni tagħhom permezz ta' 'email'.

**36.7.14** Is-Sindku nforma l-kamra li rċieva ittra ta' riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sa Gwenith Calleja, fejn mhux ser tibqa tagħmel xogħol ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku awgura lis-Sa Calleja u rringrazzjaha ta' xogħolha u ta' kemm għamlet mal-Kunsilliera u l-istaff. Il-Kuns R Deguara, il-Kuns M Lombardo, il-Kuns C Bonello, il-Kuns I Catania De Giovanni, il-Kuns A Tanti u l-Kuns J Scicluna rringrazzjaw lis-Sa Calleja u awgurawlha.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7397/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqa l-ittra ta' riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sa Gwenith Calleja. Dan il-Kunsill jirringrazzja lis-Sa Calleja għall-ħidma tagħha tul dawn l-aħħar tlett snin fil-Kunsill Lokali tal-Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**36.7.15** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7398/26/9** 'Dan il-Kunsill għandu jinforma minnufih lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tinfetaħ sejħa għal post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill Lokali Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 36.8 MISTOQSIJIET

**36.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 36.9 MOZZJONIJIET

**36.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 36.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**36.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 36.11 FINANZI

**36.11.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 36.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**36.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li rigward it-talba għal 'unloading bay' fi Triq Ħaż-Żabbar, il-Kunsill ser jimxi mal-'policy' tiegħu kif jimxi ma' kulħadd. Il-Kuns M Lombardo qal li d-'disabled' parking u l-kaxxa safra tmexxew 'il fuq. Is-Sindku qal li dawn tmexxew minħabba dawk li jkollhom bżonn jagħmlu użu minn 'lifter', u għax kaxxa safra tgħodd daqs kaxxa bajda u għaldaqstant jista jipparkja kulħadd. Is-Sindku qal ukoll li b'hekk ma jkunx hemm il-problema li jipparkjaw fuq id-'disabled parking' u l-karozza tal-linja ma jkollhiex fejn tidħol, u li l-Kunsill jevita li jirċieva aktar talbiet għal 'unloading bays'. Is-Sindku żied jgħid li l-kaxxa safra tista tinbidel għal waħda bajda wkoll.

**36.12.2** Il-Kuns C Bonello staqsa lis-Sindku rigward jekk fi Triq il-Pitirross, jistgħux jinqasmu l-kaxxi tal-parkeġġi. Is-Sindku wieġeb li l-kaxxi kienu diġa ġew maqsuma, però tneħħew għax kienu qed inaqqsu l-ispazji tal-parkeġġi. Il-Kuns C Bonello qal li hemm kaxxa kbira tal-parkeġġ u l-vetturi qed jipparkjaw f'nofsha. Is-Sindku qal biex fi Triq il-Pitirross faċċata tal-'flats' tal-Housing, din il-kaxxa tal-parkeġġ għandha tinqasam f'kaxxi bil-4.5, u jekk ikun hemm tgergir mir-residenti jerġgħu jitneħħew.

## 36.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**36.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li miexi sew ix-xogħol fi Vjal Kottoner. Il-Kuns C Bonello qal li l-kuntrattur li qed jaħdem fi Vjal Kottoner ħalla xi mbarazz u s-Sindku qal li ser jiġbidlu l-attenzjoni.

## 36.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**36.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li tixtieq tiskuża ruħha mal-President tar-Reġjun is-Sur Paul Farrugia, minħabba li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill qalet xi diskors meta kienet għaddejja diskussjoni rigward l-avveniment ta' Jum il-Mara, li kien qed jiġi organizzat mir-Reġjun Port. Il-Kuns J Scicluna qalet li fid-diskors tagħha ma kinitx qed tirreferi għalih, u li tixtieq tirringrazzja kemm lilu kif ukoll lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun is-Sa Lianne Cassar, tal-għajnuna u s-sapport tagħhom biex setà jittella l-avveniment. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li l-avveniment kien ta' suċċess u attendew aktar minn mitejn persuna, fejn irringrazzjat lil kull min attenda.

**36.14.2** Il-Kuns J Scicluna qalet li fir-rigward tas-sessjonijiet tal-yoga li kienu diġà ġew approvati u li kellhom isiru f'Marzu però kellhom jiġu mħassra, issa dawn ser isiru fil-11 u l-25 ta' April 2026.

## 36.15 STAFF

**36.15.1** Is-sindku ressaq mozzjoni ref: **7399/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqa t-talba ta' din l-istudenta biex tagħmel 20 siegħa work placement fi ħdan il-Kunsill Lokali Fgura. L-isem tal-istudenta jinsab anness.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**36.15.2** Il-Kuns C Bonello staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kellux xi assenjazzjoni ta' ħaddiema. Is-Sindku qal li wieħed mill-ħaddiema tal-manutenzjoni waqaf mill-ħidma tiegħu mal-Kunsill u minfloku ġie assenjat ħaddiem ieħor. Is-Sindku qal ukoll li waħda mill-ħaddiema klerikali m'għadhiex taħdem fil-Kunsill Lokali, u ħaddiema klerikali oħra rritornat lura għax-xogħol wara li għaddielha l-perjodu tal-'maternity leave'.

## 36.16 PURCHASE REQUEST FORM

**36.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7400/26/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Marzu 2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok Ġ')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 36.17 ĦLASIJIET

**36.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7401/26/9** 'Sabiex jiġu approvati lista tal-ħlasijiet minn 18/02/2026 sa 17/03/2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok Ħ')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 36.18 AĠĠORNAMENT

**36.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-18:15 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 22 ta' April, 2026 fil-17:30hrs.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Clayton Cascun Portelli | Is-Sa Ann Marie Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Data: 24 ta' Marzu, 2026

'Dok A'

## Fgura Local Council at Fgura Local Council

**From:** Charles Bonello <charlesbonello2012@gmail.com>
**Sent:** Monday, 23 March 2026 20:04
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council
**Cc:** Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Clayton Cascun Portelli
**Subject:** Rizenja - Sotto Kumitat Tenders

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Sindku, Segretarju Ezekuttiv,

Permezz ta' din l-email nixtieq ninfurmakom li qed nirrizenja minn membru tas-sotto Kumitat tat-tenders b'effett immedjat. Nitolbok sabiex jitnehha l-account tieghi mis-sistema tal-EPPS.

Grazzi u tislijiet

**Charles Bonello**
**Kunsillier**

'Dok B' 10

## Calleja Gwenith at Fgura Local Council

**From:** Clayton Cascun Portelli <cascun4fgura@gmail.com>
**Sent:** Monday, 09 March 2026 12:05
**To:** Calleja Gwenith at Fgura Local Council
**Cc:** Nicolee Chetcuti; Jesred Piscopo
**Subject:** Re: Request to Book Hall – End of Summer Combat Festival

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Dear gwen

cm file please

regards

**Clayton Cascun Portelli**
Sindku

m +356 79012089 e cascun4fgura@gmail.com

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

On Mon, Mar 9, 2026 at 8:04 AM Jesred Piscopo <Jesred@outlook.com> wrote:

Dear Mr. Clayton,

Following our recent discussion, I would like to formally request the booking of the hall at the Fgura Local Council for a community charity event that we are planning to organize (Which Charity will be discussed further on).

The event will be called **"End of Summer Combat Festival"** with the tagline **"Warriors for Good."** It is planned to take place on **6th September** and will be a full day dedicated to combat sports, community engagement, and charity.

The event will include:

- Demonstrations and exhibitions of combat sports
- Friendly exhibition fights
- Activities promoting sport, discipline, and healthy living
- Opportunities for the community to come together while raising funds for a charitable cause

Our goal is to create a positive sporting event that highlights the values of respect, discipline, and unity while supporting a good cause within the community.

'Dok B'

I would greatly appreciate your assistance in confirming the availability of the hall on the proposed date and informing us of any requirements or procedures needed to proceed with the booking.

Thank you for your time and support. I look forward to your response.

Kind regards,

Jesred Piscopo
BOOM COMBAT FORGE

Sent from Outlook for Android

'Dok Ċ'

Nittamaw li tinsab tajjeb/a. **L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali flimkien mal-Koordinatur Djoċesan għall-Intelliġenza Artifiċjali, Rev. Dr Jean Gov?, u l-Awtorit? għall-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta**, qed iniedu sessjonijiet ta' **litteriżmu fl-Intelliġenza Artifiċjali** għall-pubbliku ġenerali, b'mod speċjali **għall-anzjani (60+)**.

Dan jikkonsisti minn sessjoni waħda ta' **siegħa u nofs bla ħlas** minn lettur imħarreġ fil-post u ħin li huwa konvenjenti għall-grupp.

Matul din is-sessjoni:

- **Ser jiġi introdott is-suġġett ta' Intellġenza Artifiċjali** bi kliem sempliċi u mhux tekniku.
- **L-applikazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-ħajja ta' kuljum**, ser naraw eżempji prattiċi li niltaqgħu magħhom.
- **Spazju ta' diskussjoni**, anke fuq l-implikazzjonijiet etiċi, soċjali u umani ta' din it-teknoloġija.

Din is-sessjoni tista' tiġi offruta kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

**Ġentilment nitolbuk sabiex taqsam din l-aħbar mall-Kunsilli Lokali, jekk jogħġbok.**

**Kunsilli Lokali li huma interessati li jipparteċipaw f'dan il-programm jistgħu jagħmlu kuntatt magħna permezz ta:**

**E-mail** fuq literacy.ai@pfi.edu.mt jew
**Telefonata** fuq 29506514/6

**Kull grupp irid ikollu minimu ta' 10 persuni sabiex is-sessjoni tkun tista' ssir.** Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn din il-ħolqa: https://pfi.edu.mt/ai-literacy-general-public/.

Ninsabu ħerqana li nisimgħu mingħandkom. Grazzi.

Tislijiet,

Brandon Cauchi
**Executive (Operations)**
**Pastoral Formation Institute**

**Tel** +356 25906516
**Email** brandon.cauchi@pfi.edu.mt | digital@pfi.edu.mt
**www.pfi.edu.mt**

PASTORAL FORMATION INSTITUTE

This e-mail message, including any file/s or document/s attached thereto, is confidential and may also be legally privileged. It is intended solely for the use of the addressee(s) and cannot be relied upon by any person other than the addressee(s). If you are not the named addressee: (i) you are hereby notified that any use, dissemination, distribution, printing or copying of this message is strictly prohibited; (ii) you may not read, copy, forward, disclose or otherwise use it or any part thereof in any manner whatsoever; (iii) you are kindly asked to destroy the message (and any attachment/s) and delete it from your computer system; and (iv) you are to urgently notify the sender accordingly by return e-mail. Any individual communicating with the Archdiocese by email will be deemed to have accepted the risks associated with sending information by email being interception, amendment and loss as well as the consequences of incomplete or late delivery. All reasonable precautions will be taken to respect the privacy of individuals in accordance with the Archdiocese's Privacy Notice .

'Dok D'

PIERRE CASSAR LL.D.
Notary Public

---

This, 17th March 2026

I the undersigned Notary Pierre Cassar, holder of identity card number 52761M, undertake in favour of the Fgura Local Council to do the following works on the pavement which fronts the three garages numbered 84, 86, 88,Triq Ir-Rihan, Fgura which belong to me.

The works which I undertake to do at my own cost and responsibility are the following:

1. To remove all encroachments and establish a temporary pavement in accordance with the correct alignment in order to facilitate the works and ensure safe passage for the public.

2. To remove the temporary pavement once the works on the garages are complete and replace with a permanent pavement, established to the correct building alignment as marked out by the Land Surveying Unit and to levels as agreed with the Local Council, thereby closing off the project and providing the final finished surface.

Pierre Cassar
Notary Public

OFFICE: 51, Old Bakery Street, Valletta VLT 1454
Tel: 2124 7320, 2123 7289 - VAT REG No. MT 10357801

'Dok E'

## Fgura Local Council at Fgura Local Council

| | |
|---|---|
| **From:** | Josianne Scicluna <josianne.scicluna1@gmail.com> |
| **Sent:** | Tuesday, 17 March 2026 21:32 |
| **To:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Clayton Portelli Cascun; Darren M; Charles Bonello (charlesbonello2012 @gmail.com); Raymond (Ray) Deguara; Mark Lombardo (lombardomark1966 @gmail.com); Izak Catania De Giovanni; ryan@ryanellul.eu; Adrian Tanti; Calleja Gwenith at Fgura Local Council |
| **Subject:** | Re: 36 Laqgħa tal-Kunsill 24 ta' Marzu 2026 |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Gheziez Segretarju Eżekkutiv, Sindku u Assistenta Segretarja,

Nixtieq nigbed l-attenzzjoni li fejn hemm rapport Anwali ghandu jitniżżlu

Fejn hemm inizjattiva

F'Novembru Movember ghal Mard tal cancer fuq irgiel kienet inxtelet il-binja bil blue fuq talba tieghi sabiex naghtu appogg lil irgiel li jbghatu mill cancer tal-prostata.

Kif ukoll li bhala kunsill lokali xtrajna l-ewwel Defibrillator Device ghal pubbliku ingenerali u tpoggiet barra quddiem il-binja tal-Kunsill sabiex tkun acessibli ghal pubbliku 24hrs

Grazzi u Tislijiet,
Josianne Scicluna
Kunsilliera

On Tue, 17 Mar 2026, 17:45 Fgura Local Council at Fgura Local Council, <fgura.lc@gov.mt> wrote:

Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera

Għeżież,

Flimkien ma' din l-imejl għandkom issibu l-Agenda relatata mas-36 Laqgħa tad-Disa' Leġislatura li hija skedata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2026 fil-17.00.

Għandkom issibu wkoll ir-Rapport Amministrattiv 2025 u l-Business Plan 2022-2026 annessi, flimkien mar-Rapporti ta' Ħidma tal-Kunsilliera għas-sena 2025.

Anness għandkom il-*link* tal-*live streaming*: Live Streaming - Fgura

'Dok F'

**Calleja Gwenith at Fgura Local Council**

---

**From:** Mark Lombardo <lombardomark1966@gmail.com>
**Sent:** Wednesday, 18 March 2026 09:15
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council
**Cc:** Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Gatt Ann Marie at Fgura Local Council; Clayton Portelli Cascun
**Subject:** Re: 36 Laqgħa tal-Kunsill 24 ta' Marzu 2026

